MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 252/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
**vs**
**Joseph Long**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tmien mija wiehed u tmenin ewro u sitta u disghin ewro centezmi (€881.96) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 1004307 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Jannar, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-26 ta' Ottubru, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**Avv. Dr. Maria Karlsson, LL.D.**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------